# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Nathan James Curmi**

Illum,10 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Nathan James Curmi (I.D. 0164201L)** iben Michael u Jennifer Anne nee' Baker imwieled fil-23 ta' Marzu 2001 u joqgħod Mark Anna, Fl 2, Triq ir-Raddiet tar-Roti, Xemxija, San Pawl il-Bahar talli bejn l-04 ta' Lulju, 2021 u 05 ta' Lulju, 2021 fi Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Bahar soqt vettura b' numru ta' reġistrazzjoni DAB 289;

1. U meta kont involut f' incident tat-traffiku ma vettura nru: ABS 031 inqast li tieqaf u meta kien meħtieġ nqast li tirrapporta l-istess incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali;
2. U b' nuqqas ta' ħsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħbadt ma vettura nru ABS 301 w involontarjament ikkagunajt ħsarat ghad-dannu ta' Anna Maria Vassallo.

   Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-liċenzja kollha tieghek tas-sewqan.

   Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f' każ ta' htija minbarra li tinfliggi il-pieni skond il-liġi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- L.S. 65.18 Art. 36 B u fil-L.S. 68.18 Sitt Skeda.

Wara li rat l-affidavit ta' PC 1498 Clint Saliba, ossia dokument dwar l-ispejjeż inkorsi mill-vettura Toyota Vitz ABS 031, r-rapport tal-pulizija NPS 9A/V/3142/2021;

Wara li rat li fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2022 Anna Maria Vassallo ikkonstitwixxiet ruħha bhala *parte civile;*

Wara li rat l-affidavit tat-Transport Maltaipprezentat fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2022, semghet ix-xhieda ta' Anna Maria Vassallo li ezebiet business card, Dok B, korrispondenza, Dok C., zewgt ritratti Dok D1 u Dok D 2 fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2022, ta' Mark Camilleri fis-seduta tal-20 ta' Frar 2023, ta' Rex Bob Alexander fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2022 li xehed bil-lingwa Ingliza, u tal-imputat Nathan James Curmi fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2023

Rat li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi taghħa fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2023;

Rat li fl-istress data xehed l-imputat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat

**PC 1498 Clint Saliba** xehed bil-proċedura tal-affidavit. Ix-xhud xehed li nhar il-ħamsa ta' Lulju, 05/07/2021 għal ħabta tas-sitta u għaxra ta' filgħaxija) ċerta Vassallo Anna Maria I.D. 0120879 M ġiet tirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Qawra li ġurnata qabel, allura fil-04.07.2021, għal ħabta tas-sebgha u nofs ta' filgħaxija (19:30) hija pparkjat il-karozza taghħa bin-numru ta' reġistrazzjoni ABS 031 fi Triq Raddiet ir-Roti, Xemxija, u li l-għada, u ċioe' fil-ġurnata li ġiet tagħmel ir-rapport fil-għodu għal ħabta ta' 08:30 am sabet l-istess vettura b' daqqa gol bieba fuq in-naħa tax-xelluġ. Anna Maria Vassallo irrapportat li sabet nota imwaħħla mal-windscreen tal-karozza taghħa u fiha kien hemm imniżżel isem u mobile number ta' certu Rex Bob Alexander fejn dan nizzel ukoll li ra karozza DAB 289 jaħbat mal-vettura taghħa u baqa' sejjer.

Minn investigazzjoni li għamel irrizulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAB 289 hija reġistrata f' isem l-imputat u dan ġie mitlub jirrapporta l-għassa fid-disgħa ta' Lulju, elfejn u wieħed u għoxrin (09.07.2021) għas 6:30 pm. PC 1498 Clint Saliba jgħid li induna li l-vettura DAB 289 kellha l-indicator tan-naħa tal-lemin imkissier.Meta mistoqsi l-imputat ċaħad li u qal li qatt ma laqat

vettura. Il-pulizija kellem ukoll lil Rex Bob Alexander dwar dak li kien raha.

PC 1498 kellem lil Vassallo Anna Maria u Curmi Nathan James fejn it-tnejn li huma qablu li ser imexxu dan il-każ bl-insurance. Iżda ghaddew il-granet u Vassallo baqghet bla risposta mingħand Curmi. Vassallo stqarret li ipprovat tikkomunika ma Vassallo iżda dan irriżulta fin-negattiv u kien għalhekk li reget ġiet tagħmel rapport l-għassa. Il-pulizija ipprovat tikkomunika ma Curmi iżda dan irrizulta fin-negattiv ukoll.

**Stephen Cachia**, impjegat fid-Direttorat ghat-Transport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita' ghat-Transport xehed permezz ta' affidavit. Fl-affidavit tiegħu ikkonferma li mir-riċerka li għamel irrizulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAB 289 tal-marka Subaru J10, fl-4 u 5 ta' Lulju 2021, kienet irreġistrata fuq Nathan James Curmi detentur tal-karta tal-identita' 164201 L. Ix-xhud ezebixxa d-dettalji tal-vettura fejn fost affarijiet ohra hemm imniżżel li l-vettura għandha lewn Abjad.

**Anna Maria Vassallo**, il- *parte civile,* xehedet fis-seduta tal-17 ta' Ottubru 2022. Xehedet li 5 ta' Lulju, 2021 meta filgħodu marret għal karozza tagħħa li kienet ipparkjata fi Triq Raddiet ir-Roti, Xemxija sabet biljett mal-windscreen (eżebit) u indunat li kellha daqqa mal-bieba tal-passiġġier. Ix-xhud tgħid li cemplet lil persuna li ħalliet in-numru u qalilha x' kien raha u taha n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura l-ohra li kienet involuta fl-incident – Subaru DAB 289. Il-parte civile tixhed li hi rat din il-vettura ipparkjata fit-triq u rat li din

il-vettura kellha xi ħsarat. Ix-xhud ippreżentat il-messaġġ li rċeviet mingħand Rex Alexander r-ritratti tal-ħsarat. Tikkonferma li kellha ħsarat fl-ammont ta' Eur 590. Il-karozza tagħha hija ta' lewn s-silver. Fejn il-karozza tagħha kien hemm il-ħġieg mal-art. Tiddiskrivi l-ħġieg bhala kien abjad bhal meta jinkiser il-pyrex - trasparenti clear. Hi kellmet lil imputat li ċaħad li kien hu u peress li ma ntlahaqx ftehim ghamlet rapport l-għassa.

**Mark Camilleri** xehed fis-seduta tal-20 ta' Frar 2023. Ix-xhud jahdem bhala panel beater u sprayer ġewwa Maclaren Garage. Jikkonferma l-istima li għamel dwar ħsarat fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABS 031 tal-marka Toyota Vitz eżebita fil-proċess. Ma għamilx tiswijiet fuq il-karozza.

**Dr Rex Bob Alexander** xehed fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2023 bil-lingwa ingliza. Xehed li fl-4 ta' Lulju, 2021 kien bilqgheda fil-gallarija ma l-mara tiegħu u xi ħbieb u raha l-incident. Huwa jixhed

> "We had several vehicles parked immediately in front of where Anna the defendant would have parked her car so we were in particular care of that area cause we had a car that being sold in the evening I wanna say after 7:30 cause the street lights were on I was sitting there and saw the car back up hit the other car . .. . *.omissis* . . .. so in that point I didn't know the license plate but it was a light car and it backed up hit the car move forward a little bit looked at the damage and then when they drove away they drove past my balcony when they drove pass my balcony is when I got the license plate quickly wrote it on a card and I left my card on the damage vehicle."

Jikkonferma li kiteb hu fuq il-biljett li ġie eżebit mill-*parte civile*. Jixhed li l-għada meta cemplet l-*parte civile* huwa kien taha n-numru tal-vettura li kien kiteb fuq it-telephone tiegħu.

Mistoqsi jekk rahax is-sewwieq tal-vettura jirrispondi li jaghraf lil imputat u li dak iz-zmien tal-incident kellu xagharu itwal.

Mistoqsi kif jaghraf lil imputat jirrispondi

> "when he got out of the car I could see him the distance was about 50 meters and I say I was paying attention we had expensive vehicle to stay all day so we really paid attention that nothing happen to that car."

Jispjega li huwa joqgħod do ground floor maisonette u ghandhom 'front porch area.'

> "I could not tell the exact speed that he was moving but I can tell you that the gentleman did look at the vehicle damage before driving away."
> Adv: So can you explain the Court how you saw his face and that same time you took the number plate?
> Wit: Because when a car passes like this you first see inside the car and then when he gets pass me that's where I can see the license plate.
> Adv: So there's no in front of you is there any cars where there any cars parked in front of you?
> Wit: Even if there's any cars because of the height where I was sitting I can more see over those veichles."

Ix-xhud jikkonferma li baqa' fil-gallarija tiegħu tul l-incident kollu.

**Provi difiża**

**Nathan James Curmi**, l-imputat taha x-xhieda tiegħu fil-20 ta' Frar, 2020 jixhed hekk

> "bazikament jien ma niftakar xejn li gara dak in-nhar li niftakar kien li kienu cempluli l-pulizija biex ninzel l-għassa."
> . . . .*omissis* . . .''ma niftakarx fejn kont"

Jichad li kellu xi ħsara fil-karozza tiegħu u l-ħsara li hemm fil-karozza tiegħu fin-naħa tad-driver tiegħu kienet hemm meta xtraha l-karozza. Mistoqsi ulterjorment dwar dak iin-nhar tal-incident jixhed

"Jien ma niftakarx li hbatt go xi hadd."

"Avu2: Mela l-ġurnata 4 ta' Lulju, 2021 inti ma tiftakax fejn kont?
Xhud: No stajt kont xoghol stajt kont id-dar ghax jien nahdem bil-lejl"

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ jitratta incident ta' hit and run fuq karozza li kienet ipparkjata fi Triq Raddiet ir-Roti, Xemxija fil-lejl ta' bejn l-04 ta' Lulju, 2021 u 05 ta' Lulju, 2021.

Fil-każ in ezami l-Qorti għandha ghad-dispozizzjoni taghħa xhieda ta' xhud okkulari Dr Rex Bob Alexander, li waqt li kien fit-terrazza tad-dar tiegħu quddiem fejn sehh l-incident, raha l-incident u ħalla nota lis-sid tal-karozza danneggjata bid-dettalji tiegħu. Il-Qorti tikkunsidra li dan ix-xhud huwa wiehed indipendenti mill-partijiet, kredibbli u spjega b' mod sistematiku u f' certu dettal il-verzjoni tal-fatti kif seħħew. Dan ix-xhud

ġie identifikat għaliex minn rajh ħalla d-dettalji tiegħu fuq il-windscreen tal-vettura tal-parte civile, ix-xhud taha l-verzjoni lil pulizija kif ukoll xehed viva voce f' dawn il-proċeduri.

Minn naħa l-ohra l-imputat ma huwiex kredibbli u jsostni li ma jiftakarx li ħabat f' vettura. Saħanistra l-anqas ma taha rendikont ta' fejn kien fil-perijodu ta' zmien ta' meta sehh l-incident ċioe' minn mindu ġiet ipparkata l-vettura tal-parte civile sakemm sabitha l-għada fil-ghodu.

Qed jigi ikkunsidrat li meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Id-difiża

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Fil-każ in ezami l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma ġewx newtrallizati mid-difiża fuq bazi ta' probabilta' kif trid il-liġi.

F' dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni fejn l- imputat ġie akkuzat li kien involut f' incident tat-traffiku ma vettura nru: ABS 031 u li naqas li jieqaf u meta kien meħtieġ nqast li tirrapporta l-istess incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali din tirrizulta ipprovata.

F’ dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u ċioe’ U b’ nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħbadt ma vettura nru ABS 301 w involontarjament ikkagunajt ħsarat ghad-dannu ta’ Anna Maria Vassallo il-Qorti ukoll tikkunsidra li din ukoll ġiet ipprovata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Liġi u ċioe’ Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, Artikolu 15(1)(a) Art, 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta Artikolu 67(1) ta’ L.S. 65.11, 65.18 Art. 36 B ta’ L.S. 65.11 L.S. u fil-L.S. 68.18 Sitt Skeda qed issib lil imputat **Nathan James Curmi hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni** u qed tikkundannah ghal multa ta’ elf u mitejn (1200) euro, skwalifka mill-licenzji koillha tas-sewqan ghal zmien xahar u tlett punti mill-licenzji kollha tas-sewqan .

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**